# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

4 ta' FRAR 2025

## It-trasport marittimu tal-UE: sar progress, iżda għad hemm sfidi ambjentali u ta' sostenibbiltà

**Is-settur marittimu tal-Ewropa qed jagħmel progress lejn sostenibbiltà akbar iżda jeħtieġ li jżid l-isforzi tiegħu matul is-snin li ġejjin biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi u ambjentali tal-UE mmirati lejn it-tnaqqis tal-użu tal-enerġija, tat-tniġġis, u tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra kif ukoll lejn ħarsien aħjar tal-bijodiversità. Dan skont it-tieni edizzjoni tar-Rapport dwar l-Ambjent tat-Trasport Marittimu Ewropew, li nħareġ illum mill-Aġenzija Ewropea għas- Sikurezza Marittima (EMSA) u mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA).**

It-trasport marittimu għandu rwol kruċjali fis-sostenn tal-kummerċ, it-tkabbir ekonomiku, il-konnettività, u l-aċċessibbiltà, filwaqt li jikkontribwixxi wkoll għas-sigurtà tal-enerġija u l-ħolqien tal-impjiegi. Madankollu, iż-**żieda fid-domanda għat-trasport** għas-settur marittimu ġġib magħha impatti ambjentali addizzjonali fuq l-atmosfera u l-ekosistemi tal-baħar. Skont ir-rapport, li jagħti aġġornament dwar il-prestazzjoni ambjentali tas-settur u valutazzjoni tal-isforzi biex dan isir aktar sostenibbli, sar xi **progress** iżda t-tnaqqis tal-emissjonijiet għadu sfida.

Attivitajiet bħat-tbaħħir ta' merkanzija, kontejners, is-sajd kummerċjali, tankers, u bastimenti tal-kruċieri, kif ukoll attivitajiet tal-port, jibqgħu kontributuri sinifikanti għal **firxa wiesgħa ta' sfidi ambjentali**, bis-settur kollu jammonta għal 3-4 % tal-emissjonijiet globali tad-**diossidu tal-karbonju** ($CO_2$) tal-UE, sehem li jeħtieġ li jonqos. Sadanittant, l-emissjonijiet tal-gass tal-**metan** ($CH_4$) mill-inqas irduppjaw bejn l-2018 u l-2023, u ammontaw għal 26 % tal-emissjonijiet totali tal-metan tas-settur fl-2022. Minbarra l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, it-tnaqqis ta' **sustanzi li jniġġsu l-arja** bħall-kubrit u l-ossidi tan-nitroġenu ($NO_X$) ikompli jkun ta' mportanza.

It-trasport marittimu jkompli jikkontribwixxi wkoll għat-**tniġġis tal-ilma**, permezz ta' tixrid taż-żejt u rimi ta' ilma maħmuġ minn bastimenti, kif ukoll storbju taħt l-ilma. L-iskart fil-baħar mis-sajd u t-tbaħħir huwa stmat li naqas bin-nofs f'dawn l-aħħar għaxar snin iżda jibqa' diffiċli li jiġi indirizzat b'mod komprensiv. It-telf tal-kontejners, inklużi dawk li fihom pellets tal-plastik jibqgħu wkoll sors importanti ta' tniġġis tal-baħar.

Ir-rapport jiżvela wkoll li l-użu ta' **fjuwils alternattivi** u ta' sorsi ta' enerġija żdied, għalkemm minn bażi baxxa. Madankollu, kif inhu bħalissa, xi fjuwils alternattivi prospettivi se jkollhom bżonn iżidu b'mod sinifikanti l-produzzjoni biex ikunu jistgħu jissodisfaw id-domanda potenzjali. Barra minn hekk, se jkollhom jiġu żviluppati **linji gwida internazzjonali armonizzati** kif ukoll provvista ta' baħħara mħarrġa fuq teknoloġiji ġodda ta' dekarbonizzazzjoni.

Filwaqt li faħħar ir-rapport, il-Kummissarju għat-Trasport Sostenibbli u t-Turiżmu, **Apostolos Tzitzikostas**, iddikjara: "Ir-Rapport il-ġdid dwar l-Ambjent tat-Trasport Marittimu Ewropew huwa gwida siewja għall-futur tat-tbaħħir Ewropew, wieħed li huwa sostenibbli, kompetittiv u

reżiljenti. Dan ir-rapport huwa wkoll sejħa għal azzjoni. Billi naħdmu flimkien, nistgħu niżguraw li t-trasport marittimu jibqa' attur ewlieni fl-ekonomija globali tagħna, filwaqt li nimminimizzaw l-impatt ambjentali tiegħu u nissalvagwardjaw l-oċeani tagħna għall-ġenerazzjonijiet futuri."

**Jessika Roswall**, il-Kummissarju għall-Ambjent, ir-Reżiljenza tal-Ilma u Ekonomija Ċirkolari Kompetittiva, qalet "L-ilmijiet tagħna jinsabu taħt pressjoni mit-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, il-ġestjoni ħażina u t-tniġġis. Huwa għalhekk li se nniedi Strateġija tal-UE għar-Reżiljenza tal-Ilma. Neħtieġu bidla fil-paradigma ta' kif napprezzaw l-ilma, biex nippreservaw il-kwalità u l-kwantità tal-ilma u biex nagħtu spinta lill-vantaġġ kompetittiv tal-industrija tal-ilma tagħna. Neħtieġu approċċ li jkun "sors għall-baħar" peress li l-attivitajiet fuq il-baħar huma marbuta mill-qrib ma' dawk fuq l-art. Issa huwa ż-żmien għal bidla trasformattiva fis-setturi marittimi u tal-ilma sabiex inkunu nistgħu nagħmlu l-Ewropa reżiljenti għall-ilma".

"Hemm bżonn ta' azzjoni kontinwa u żieda fl-innovazzjoni biex jitħaffef il-progress li sar lejn trasport marittimu aktar sostenibbli fl-Ewropa – fl-operazzjonijiet kollha tagħha – biex jintlaħqu l-miri ambizzjużi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew filwaqt li tiġi ppreservata l-kompetittività tas-settur. Ir-rapport konġunt tagħna huwa maħsub biex jipprovdi lil dawk li jfasslu l-politika u liċ-ċittadini b'valutazzjoni fattwali u bbażata fuq l-evidenza tal-isfidi attwali u futuri għall-vjaġġ ta' dekarbonizzazzjoni tas-settur, kif ukoll l-opportunitajiet li d-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġija avvanzata jistgħu jġibu għat-tranżizzjoni ekoloġika tas-settur marittimu," qalet **Maja Markovčić Kostelac**, id-Direttur Eżekuttiv tal-EMSA.

"Ir-rapport jirrifletti l-ħtieġa urġenti li s-settur tat-trasport marittimu jżid l-isforzi tiegħu biex inaqqas l-impronta tal-karbonju tiegħu u impatti ambjentali oħra bħat-tniġġis tal-ilma kif ukoll iħaffef l-isforzi biex jaqleb għal fjuwils aktar nodfa, għal prattiki sostenibbli tal-portijiet u tat-tbaħħir biex inaqqas l-impatt tiegħu fuq l-ekosistemi tal-baħar u kostali. Innovazzjonijiet u teknoloġiji ġodda u ġestjoni aħjar se jgħinu biex tinkiseb sostenibbiltà futura b'mod affordabbli, u għalhekk, issa huwa kruċjali li s-settur iżid il-pass tiegħu għal bidla lejn prattiki ekoloġiċi", qalet **Leena Ylä-Mononen**, Direttur Eżekuttiv tal-EEA.

**Il-kisba tas-sostenibbiltà**

Miżuri leġiżlattivi ġodda tal-UE, opportunitajiet ta' finanzjament, u investiment, jistgħu jkunu mistennija li javvanzaw id-dekarbonizzazzjoni tas-settur. L-UE saret l-ewwel ġuriżdizzjoni biex tistabbilixxi prezz tal-karbonju fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-bastimenti bl-estensjoni tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS) għat-trasport marittimu fl-2024. Id-dħul mill-ETS jiffinanzja l-Fond għall-Innovazzjoni, wieħed mill-akbar programmi fid-dinja għal teknoloġiji innovattivi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, b'aktar minn 300 proġett relatat mat-trasport marittimu diġà appoġġati. Fl-istess ħin, Ir-Regolament Marittimu FuelEU, b'effett minn Jannar 2025, qed jinċentiva fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u b'soluzzjonijiet ta' enerġija b'limiti ta' intensità tal-gassijiet serra fuq l-enerġija użata abbord mill-bastimenti. Il-mudell FuelEU Maritime jipprovdi l-bażi għall-istandard tal-fjuwil GHG (GFS) propost għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fil-livell internazzjonali permezz tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO).

**L-impatti ambjentali ewlenin enfasizzati fir-rapport**

- L-emissjonijiet tal-metan ($CH_4$) mill-inqas irduppjaw bejn l-2018 u l-2023, u ammontaw għal 26 % tal-emissjonijiet totali tal-metan tas-settur tat-trasport fl-2022. Dan huwa attribwit l-aktar għaż-żieda fl-użu tal-gass naturali likwifikat (LNG).

- **Tniġġis tal-arja:** L-emissjonijiet tal-Ossidu tal-Kubrit ($SO_x$) fl-UE naqsu b'madwar 70 % mill-2014, l-aktar minħabba l-introduzzjoni tas-SECAs (Żoni ta' Kontroll tal-Emissjonijiet tal-Kubrit) fit-Tramuntana tal-Ewropa. Is-SECA tal-Mediterran, li għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2025, hija mistennija li tikkontribwixxi għal tnaqqis ulterjuri, flimkien ma' dik li jmiss fl-Oċean Atlantiku tal-Grigal li tikkontrolla kemm l-SOx kif ukoll in-NOx. Sadanittant, l-emissjonijiet tal-Ossidi tan-Nitroġenu (NOx) żdiedu b'medja ta' 10 % bejn l-2015 u l-2023, u ammontaw għal 39 % tal-emissjonijiet ta' NOx relatati mat-trasport fl-2022.

- **It-tniġġis tal-ilma:** It-trasport marittimu jikkontribwixxi għat-tniġġis tal-ilma permezz ta' tixrid taż-żejt u skariki ta' fuq ix-xogħol bħall-ilma griż, filwaqt li l-iskariki tal-ilma minn sistemi ta' tindif tal-gass tal-egżost b'ċirkwit miftuħ (EGCS), li jintużaw biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-ossidi tal-kubrit (SOx) fl-atmosfera, jammontaw għal 98 % tal-iskariki permessi. L-EGCS jirrilaxxaw kontaminanti fl-ilma, filwaqt li jenfasizzaw il-kompromess bejn it-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja u ż-żieda tat-tniġġis tal-baħar. L-iskariku ta' ilma griż, xprunat l-aktar minn operazzjonijiet ta' bastimenti tal-kruċieri, żdied b'40 % bejn l-2014 u l-2023.

- **L-istorbju taħt l-ilma:** Mudelli pan-Ewropej ġodda jiżvelaw livelli għoljin ta' storbju rradjat taħt l-ilma (URN) fil-Kanal Ingliż, fil-Kanal ta' Ġibiltà, fil-Baħar Adrijatiku, fil-Kanal ta' Dardanelles, u fir-reġjuni tal-Baħar Baltiku. Il-miżuri ta' mitigazzjoni jistgħu jnaqqsu l-URN b'sa 70 % bejn l-2030 u l-2050.

- **Skart fil-baħar:** L-iskart fil-baħar mis-sajd (11,2 %) u mit-trasport marittimu (1,8 %) naqas bin-nofs f'dawn l-aħħar għaxar snin. Madankollu, għad hemm sfidi, b'mod partikolari bit-tniġġis tal-pellets tal-plastik minn kontejners mitlufa.

- **Qiegħ il-baħar affettwat**: Madwar 27 % tal-qiegħ tal-baħar qrib ix-xatt tal-Ewropa (5 % qed jiffaċċja effetti severi) huwa affettwat minn attivitajiet relatati mat-trasport marittimu bħal espansjonijiet tal-portijiet, tħammil u ankraġġ li jwasslu għal disturbi fiżiċi u telf ta' ħabitats.

- **Speċijiet aljeni:** It-tbaħħir jintroduċi l-parti l-kbira (60 %) tal-ispeċijiet mhux indiġeni u tal-ispeċijiet aljeni invażivi (56 %) fl-Ewropa. Madankollu, il-Konvenzjoni dwar il-Ġestjoni tal-Ilma tas-Saborra wasslet għal 31 % ta' bastimenti ċċertifikati u għal 23 % ta' sistemi konformi sal-2023.

- **Riskji ta' kolliżjoni:** Żieda fl-intensità tat-trasport marittimu kkawżat żieda notevoli fir-riskji ta' kolliżjoni mal-annimali fiż-żoni protetti ta' Natura 2000 fir-reġjuni tal-baħar kollha mill-2017 sal-2022.

**LINK GĦAR-RAPPORT U SKEDI INFORMATTIVI**

EEA: https://www.eea.europa.eu/en/analysis/publications/maritime-transport-2025

EMSA: http://www.emsa.europa.eu/emter

**KUNTATTI MAL-ISTAMPA**


- **EMSA:** Ruth McDonald: Ruth.MCDONALD@emsa.europa,eu; mowbajl: +351 913 151 610
- **EEA:** Constant Brand: Constant.Brand@eea.europa.eu; mowbajl: +45 2174 1872